MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 187/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Attard talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Ottubru 2009, Novembru 2009, Dicembru 2009 u Jannar 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Barbara Attard is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih

skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Christopher Attard hati u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Christopher Attard minnu pprezentat fit-28 ta’ April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata biex b’hekk tilliberah mill-imputazzjoni dedotta, u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tallum stess fejn gie dikjarat illi l-*parte civile* kienet qed tircievi seduta stante l-bilanc kollu dovut lilha;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib htija peress illi skond id-digriet tal-manteniment, dan kellu jitnaqqas direttament mill-paga tieghu, izda ghal xi raguni tali manteniment beda jitnaqqas biss f’Jannar 2010. Hu sar jaf li ma kienx qieghed isir tali tnaqqis meta rcieva c-citazzjoni; (2) li, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena nflitta hija severa hafna.

Kwantu ghall-ewwel aggravju din il-Qorti ma taqbilx li ghax ma ndunax l-appellant li l-manteniment ma kienx qieghed jitnaqqaslu mill-paga allura ma ghandux jitqies responsabbli ghall-ksur ta’ l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-appellant kellu l-obbligu li jassigura ruhu li l-manteniment kien qieghed jitnaqqas. Huwa seta’ facilment jinduna jekk kienx qieghed jitnaqqas jew le billi jara jekk il-paga li kien qieghed idahhal ghax-xhur in kwistjoni kinitx daqs dik li kien qieghed idahhal fix-xhur precedenti. Barra minn hekk seta’ liberament jivverifika

ma' l-*Accounts Section* tal-post tax-xoghol tieghu. B'hekk kull ma kien ikollu jaghmel kien li jaqbad is-somma dovuta u li ma kinitx tnaqqset u jghaddiha lil martu. Dan m'ghamlux u ghalhekk ma jistax issa jippretendi li jigi ezentat mir-responsabbilta` kriminali.

Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena, kif diga` gie ndikat fil-premessi, matul is-seduta tallum sar il-hlas tal-bilanc dovut lill-*parte civile*.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tliet xhur millum, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------